

MT

MT

MT



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 2.2.2009
KUMM(2009) 32 finali

**ABBOZZ PRELIMINARI TAL-BAĠIT TA' EMENDA Nru 2
GĦALL-BAĠIT ĠENERALI TAL-2009**

**DIKJARAZZJONI TAL-INFIQ TAQSIMA B'TAQSIMA
Taqsimi III – II-Kummissjoni**

(ippreżentata mill-Kummissjoni)

**ABBOZZ PRELIMINARI TAL-BAĠIT TA' EMENDA Nru 2
GĦALL-BAĠIT ĠENERALI TAL-2009**

**DIKJARAZZJONI TAL-INFIQ TAQSIMA B'TAQSIMA
Taqsimi III – Il-Kummissjoni**

Wara li ġie kkunsidrat:

- it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 272 tiegħu,
- it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 177 tiegħu,
- ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej¹, kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1525/2007², u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu,

Il-Kummissjoni Ewropea hawnhekk tippreżenta lill-Awtorità tal-Baġit l-Abbozz Preliminari ta' Baġit ta' Emenda Nru 2 għall-baġit tal-2009.

¹ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

² ĠU L 343, 27.12.2007, p. 9.

WERREJ

1.	Introduzzjoni	4
2.	SESAR	4
3.	Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC)	5
4.	L-Aġenzija Ferrovjarja Ewropea (ERA)	6
5.	Emendi tal-Kummenti Baġitarji	6
5.1.	Servizzi operativi GMES	6
5.2.	Faċilità għall-Ikel	7

TIBDILJET FID-DIKJARAZZJONI TAL-INFIQ TAQSIMA B'TAQSIMA

It-tibdil fid-dikjarazzjoni tal-infiq taqsima b'taqsima jintbagħat separatament permezz tas-sistema SEI-BUD. Verżjoni bl-Ingliż tat-tibdil għad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul hija meħmuża għall-informazzjoni bħala anness tal-baġit.

1. INTRODUZZJONI

L-Abbozz Preliminari tal-Baġit ta' Emenda (APBE) Nru 2 għas-sena 2009 jkopri l-elementi li ġejjin:

- L-inklużjoni tal-pjan ta' stabbiliment tal-Impriża Konġunta SESAR fil-baġit tal-Komunità, konformi mat-tibdil tar-Regolament (KE) 219/2007³.
- It-tibdiliet fil-pjan ta' stabbiliment taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC), koerenti mal-baġit tal-2009.
- It-tibdiliet fil-pjan ta' stabbiliment tal-Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji (ERA).
- It-tibdiliet għall-kummenti baġitarji.

L-APBE 2/2009 m'għandux konsegwenzi finanzjarji.

2. SESAR

L-Impriża Konġunta SESAR (IKS) għall-iżvilupp ta' ġenerazzjoni ġdida ta' sistema ta' ġestjoni tat-traffiku tal-ajru ġiet stabbilita fis-27 ta' Frar 2007 (Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) 219/2007) skont l-Artikolu 171 tat-Trattat. Madankollu, in-nuqqas ta' definizzjoni ċara tal-istatut legali tal-Impriża Konġunta (IK) ħoloq bosta diffikultajiet fit-twaqqif tal-istruttura legali u amministrattiva. Fil-fatt, fil-preżent, għalkemm l-SJU u l-istaff tiegħu jaqgħu taħt il-liġi Belġjana, l-IK ġiet imwaqqfa u hija rregolata minn Regolament tal-Kunsill.

Bit-tneidja tas-Seba' Programm Qafas ta' Riċerka u Żvilupp Teknoloġiku l-Istituzzjonijiet tal-UE adottaw strateġija għat-twaqqif tal-IK. L-aspett ewlieni ta' din l-istrateġija huwa li l-IK jiġu magħrufa bħala "Korpi tal-Komunità" li jgawdu mill-privileġġi u l-immunitajiet tal-Komunità Ewropea. B'riżultat ta' dan, l-istaff ta' dawn il-korpi huwa kopert mir-Regolament tal-Persunal tal-KE u l-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet applikabbli għall-korpi u l-istaff tagħhom. Din l-istrateġija ġiet applikata għall-ewwel darba għat-twaqqif ta' ħames IK (l-Inizjattivi Konġunti Teknologiki CLEAN SKY, ENIAC, IMI, ARTEMIS u FCH) fl-2008.

L-IKS kienet twaqqfet sena qabel fuq l-istess bażi legali bħall-IK ġodda. Sabiex tiġi żgurata konsistenza fl-istrateġija tal-Komunità fit-twaqqif ta' dawn il-korpi, l-istatut legali tal-IKS se tiġi emendata u allineat ma dak tal-IK l-oħra.

Għalhekk il-Kummissjoni pproponiet li jiġi emendat ir-Regolament (KE) 219/2007. Waħda mill-konsegwenzi ta' din l-emenda hi li l-istaff tal-IKS ikun kopert mir-Regolament tal-Persunal tal-KE bħala aġenti temporanji jew kuntrattwali. B'konsegwenza ta' dan, il-pjan ta' stabbiliment tal-IKS għandu jiġi inkluż fil-baġit tal-Komunità. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) 1361/2008 li jemenda r-Regolament (KE) 219/2007 ġie adottat fis-16 ta' Diċembru 2008⁴, u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2009.

³ ĠU L 64, 2.3.2007, p. 1.

⁴ ĠU L 352, 31.12.2008, p.12.

L-IKS hija diġà operazzjonali u diġà rreklutat persunali inizjali. Sabiex tiżgura l-kontinwità tal-operazzjonijiet tal-IKS, hija essenzjali tranżizzjoni bla xkiel tal-persunal eżistenti għal Statut tal-KE u t-tlestijatal-proċess ta' reklutaġġ fl-2009. Għalhekk huwa meħtieġ li l-pjan ta' stabbiliment tal-IKS jiġi inkluż fil-baġit tal-Komunità mill-bidu tal-eżerċizzju tal-2009.

Il-pjan ta' stabbiliment huwa inkluż fl-anness baġitarju.

3. IĊ-ĊENTRU EWROPEW GĦALL-PREVENZJONI U L-KONTROLL TAL-MARD (ECDC)

Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) huwa aġenzija deċentralizzata "tal-Ewwel Pilastru" ibbażata fi Stokkolma li nġhatat il-kompitu li tissorvelja, tevalwa u tikkomunika theddid għas-saħħa tal-bniedem minn mard li jittieħed. Dan l-abbozz preliminari tal-baġit li jemenda huwa ġġustifikat mill-ħtieġa li jiġi emendat il-pjan ta' stabbiliment tiegħu konformi mad-deċizzjonijiet li ttieħdu mill-Awtorità Baġitarja fil-baġit 2009.

L-istruttura u l-kapaċitajiet organizzazzjonali bażiċi tal-ECDC bħalissa jinsabu implimentati f'żoni funzjonali definiti; hija stabbilita sistema epidemjoloġika ta' sorveljanza, kapaċitajiet stabbiliti għat-tnejn u t-tweġiba, hemm il-kapaċità li twieġeb għat-talbiet għal parir xjentifiku u valutazzjonijiet ta' riskju, kif ukoll il-kapaċità li tipprovdi taħriġ epidemjoloġiku u biex twettaq komunikazzjoni xierqa dwar is-saħħa. Madankollu, iċ-Ċentru għadu fi stadju bikri tal-iżvilupp tiegħu. Is-servizzi ewlenin li jipprovdi huma ta' bżonn, iżda ma jissodisfawx il-ħtiġijiet u l-aspettattivi kollha tal-partijiet interessati tiegħu.

Valutazzjoni esterna reċentement ikkonfermat li l-ECSC irnexxielu jistabilixxi ruħu bħala ċentru ta' eċċellenza xjentifika u li jżid il-valur fil-prevenzjoni u l-kontroll ta' mard li jittieħed iżda għamlet rakkomandazzjoni li l-attivitajiet dwar il-mard li jittieħed jiġu kkonsolidati u msaħħa.

Il-Kummissjoni hija tal-istess parir tar-rapport ta' valutazzjoni esterna. Huwa meħtieġ aktar investiment jekk l-ECDC għandha tisfrutta l-mandat attwali bis-sħiħ tat-tisħiħ tad-difiżi Ewropej kontra l-mard li jittieħed. B'mod koerenti ma' din l-istrateġija, fit-13 ta' Novembru 2008 l-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-attivitajiet ġejjiena ppjanati tal-ECSC u r-riżorsi meħtieġa (COM/2008/741). Il-Komunikazzjoni aġġornat id-dikjarazzjoni finanzjarja tal-bidu adottata fl-2003 (meta c-Ċentru ġie mwaqqaf) filwaqt li tqis il-kisbiet tal-ECDC matul l-ewwel tliet snin tiegħu ta' operazzjoni u r-riżultati tal-valutazzjoni esterna. Ta' minn jinnota li r-riżorsi finanzjarji previsti fil-qafas finanzjarju multiannwali 2007-2013 huma bażi suffiċjenti għall-ECDC biex iwettaq l-attivitajiet ġejjiena ppjanati.

Matul l-istadji finali tal-proċedura baġitarja tal-2009, il-Parlament Ewropew ivvota għal emenda li biha neħħa r-riżerva fuq il-baġit tal-ECDC li kien propost mill-Kummissjoni fl-APB 2009, sakemm tiġi adottata l-Komunikazzjoni imsemmija hawn fuq. Madankollu, l-emenda li dwarha sar il-vot ma kenitx tirrigwarda l-aġġornar tal-pjan ta' stabbiliment tal-ECDC meħtieġ biex dan jadatta għall-istruttura ġdida ppjanata ta' Ċentru, kif deskritt fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fit-13 ta' Novembru u integrata fl-impenji awtorizzati fil-baġit 2009.

Għalhekk huwa meħtieġ li l-Kummissjoni tippreżenta baġit li jemenda li jintegra t-tibdil fil-pjan ta' stabbiliment tal-ECDC metħieġ biex ikun koerenti mal-Komunikazzjoni tal-

Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tat-13 ta' Novembru u l-allokazzjonijiet baġitarji 2009 awtorizzati.

Il-pjan ta' stabbiliment propost jimplika l-allokazzjoni ta' 40 post addizzjonali ta' aġenti temporarji. Il-pjan ta' stabbiliment sħiħ huwa inkluż fl-anness baġitarju. Id-dettalji għal kull qasam immirat huma kif ġej:

Mira	Titlu	Postijiet 2009	ġodda	Postijiet AT totali sal-aħħar tal-2009
1	Speċifiku għall-mard	9		27
2	Sorveljanza	6		28
3	Parir xjentifiku	6		23
4	Tħejjija u tweġiba	5		19
5	Taħriġ	1		7
6	Komunikazzjoni dwar is-saħħa	6		21
7	Partenarjati	1		5
Intern	Governanza, ġestjoni	1		9
Intern	Servizzi amministrattivi	5		31
Total		40		170

4. L-AĠENZJA FERROVJARJA EWROPEA (ERA)

Il-pjan ta' stabbiliment 2009 hekk kif awtorizzat mill-baġit tal-Komunità ma jirriflettix bis-sħiħ il-ħtiġijiet tal-Aġenzja fir-rigward tal-kompetenzi estiżi taħt ir-Regolament (KE) Nru 1335/2008 tas-16 ta' Diċembru 2008⁵ u l-politika tagħha dwar il-persunal inkluż l-iżvilupp tal-karriera (kif stipulat fil-Pjan Multiannwali ta' Politika tal-Persunal 2009 - 2011 tal-Aġenzja). Għalhekk, huwa meħtieġ li l-pjan ta' stabbiliment jiġi emendat:

- Il-pjanijiet ta' stabbiliment preċedenti kienu jinkludu post AD15 għad-Direttur Eżekuttiv. Dan il-post ġie mħassar bi żball mill-pjan ta' stabbiliment fil-baġit 2009, u issa għandu jerġa' jiddaħħal.
- In-numru ta' postijiet AST jiżdied bi tlieta, bi tnaqqis korrispondenti ta' tliet postijiet AD, biex jippermetti livell xieraq ta' appoġġ amministrattiv għall-attivitajiet operazzjonali tal-Aġenzja.

Il-pjan ta' stabbiliment sħiħ, li juri l-aġġustamenti tekniċi kollha, huwa inkluż fl-anness baġitarju. M'hemm l-ebda tibdil fin-numru totali ta' postijiet awtorizzati għall-aġenzja, u l-aġġustamenti ma jwasslu għall-ebda talba baġitarja addizzjonali.

5. EMENDI TAL-KUMMENTI BAĠITARJI

5.1. Servizi operativi GMES

Fl-2008, l-implimentazzjoni tal-azzjoni Preparatorja - "Servizzi Operazzjonali GMES" (Monitoraġġ Globali għall-Ambjent u s-Sigurtà, Artikolu baġitarju 02 02 11) ġie konkluż b'suċċess bil-kompletar tat-tender fil-qasam tas-servizzi ta' rispons f'emerġenza u l-impenji sussegwenti tal-appropriazzjonijiet baġitarji. Il-pass li jmiss tal-azzjoni fl-2009 huwa l-implimentazzjoni ta' element ta' servizz ta' referenza ta' dejta bi sħubija mal-provvedituri ta'

⁵ ĠU L 354, 31.12.2008, p.51.

dejta eżistenti bħall-Aġenziji Nazzjonali għall-Mapep. Madankollu, il-kumment baġitarju għandu jiġi emendat bl-istess mod (ara l-kumment rivedut fl-anness baġitarju).

5.2. Faċilità għall-Ikel

Wara l-ftehim li ntlaħaq bejn il-Kummissjoni Ewropea, il-Kunsill Ewropew u l-Parlament Ewropew, dwar il-faċilità għal rispons rapidu għall-prezzijiet tal-ikel li dejjem qed jogħlew fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, l-eliġibilità għal finanzjament għandha tiġi estiża għal entitajiet bħall-organizzazzjonijiet non-governattivi (NGOs) u l-atturi parastatali. Bħala konsegwenza l-metodi ta' implimentazzjoni, li oriġinarjament kienu jiddependu esklużivament fuq sħubiji ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali, ikollhom jiġu adattati bl-istess mod. B'mod partikolari, l-estensjoni għall-NGOs u l-atturi non-governattivi jeħtieġu segwitu iktar mill-qrib u intensiv mill-Kummissjoni fuq il-post. Sabiex jkun jista' jsir ir-reklutaġġ tal-persunal estern fid-Delegazzjonijiet iffinanzjati mil-linja baġitarja 21 01 04 05 Faċilità għal rispons rapidu għall-prezzijiet tal-ikel li dejjem qed jogħlew fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw - Nefqa fuq il-ġestjoni amministrattiva, il-Kummissjoni tippromponi li jiġi emendat il-kumment baġitarju kif xieraq, mingħajr ma jinbidlu l-ammonti li diġà ġew approvati mill-awtorità baġitarja għall-ġestjoni amministrattiva.